**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D. LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Seduta tal-lum, l-Erbgha, 19 ta' Awwissu, 2020.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Martin Joseph Xuereb**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Martin Joseph Xuereb ta' seba u erbghin sena (47), bin Anthony Joseph u Carmen Victoria nee Vella, imwieled l-Awstralja, nhar fit-12 ta' Frar, 1973, u residenti Blokk VI, 5, Triq L-Inkurunazzjoni, Bormla, detentur tal-karta tal-identita' nru. 509090(M), fejn gie akkuzat li nhar il-lejl ta' bejn 13 u 14 ta' Awwissu 2020 fi x'hin bejn 11.30p.m. u 01.40a.m. waqt li kienu qieghed fi sit maghruf Ta' Maggi, li jinsab fi triq il-Madonna ta' Rummiena, Xewkija Ghawdex u jew fil-vicinanzi;

1. Ikkommetta serq ta' diversi litri ta' diesel minn vettura tal-ghamla Leyland DAF, bin-numru tar-registrazzjoni JCC467 u minn gewwa crane, li l-valur taghhom jaqbez aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda hu anqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), liema serq huwa kwalifikat bil-xorta tal-haga misruqa, bil-valur, bil-mezz, bil-lok, bil-vjolenza u bil-hin u dan sar ghad-dannu ta' Mark Agius u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-artikoli 261, 262, 263, 267, 269, 270 u 271 tal-Kap. 9.
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex tbieghhom jew tmexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-kap. 9.

3. U aktar talli fil-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkaguna hsarat jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe tappijiet ta' tank ta' fuel fuq vettura tal-ghamla Leyland Daf u ta' crane, liema hsara saret ghad-dannu ta' Mark Agius u/jew persuni ohra, li ma' teccedix aktar minn mitejn u hamsin ewro (€250) u dan bi ksur tal-artikolu 325(c) tal-Kap. 9.
4. **U aktar fil-lejl ta' bejn nhar 7 u 8 ta' Awwissu 2020 bejn 10.00 p.m. u 2.00 ta' filghodu waqt li kien qieghed fi triq San Leonardu, Rabat Ghawdex** u/jew fil-vicinanzi kommetta serq ta' diversi litri ta' diesel minn vettura tal-ghamla Coles bin-numru tar-registrazzjoni CAB443 li l-valur tieghu ma' jaqbizx aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), liema serq huwa kwalifikat bil-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz, bil-lok u bil-hin u dan sar ghad-dannu ta' Mario Xuereb u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-artikoli 261, 262, 263, 269, 270 u 271 tal-Kap. 9.
5. U aktar talli fil-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkaguna hsarat jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe cioe tappijiet ta' tank ta' fuel ta' crane tal-ghamla Coles, liema hsara saret ghad-dannu ta' Mario Xuereb u/jew persuni ohra, li ma' teccedix aktar minn mitejn u hamsin ewro (€250) u dan bi ksur tal-artikolu 325(c) tal-Kap. 9.
6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kommetta serq ta' diversi litri ta' diesel minn vettura tal-ghamla Leyland bin-numru tar-registrazzjoni LAR665 li l-valur tieghu ma' jaqbizx aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu ewro (232.94), liema serq huwa kwalifikat bil-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz, bil-lok u bil-hin u dan sar ghad-dannu ta' Louis Attard u/jew persuni ohra dan bi ksur tal-artikoli 261, 262, 263, 269, 270 u 271 tal-Kap. 9.
7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex tbieghhom jew tmexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-kap. 9.
8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Peugeot bil-pjanca tar-registrazzjoni CBJ198, minghajr ma' kien kopert bil-polza tas-sigurta dwar ir-riskju tat-terzi persuni u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kap. 104.
9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Peugeot bil-pjanca tar-registrazzjoni CBJ198 minghajr ma' kien kopert b'licenzija ta' sewqan kurrenti mahruga mid-direttur tal-awtorita kompetenti u/jew l-imsemmi vettura ma' kienetx koperta bi licenzija ta' triq ghas-sena kurrenti u dan bi ksur tal-artikou 15(1)(a), Kap. 65.
10. U aktar talli renda ruhu recidiv b' diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta/Ghawdex) li huma definitivi li ma' jistghux jigu mibdula jew mhassra u dan ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9.

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih b'dan li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u il-hames imputazzjoni hija alternativa ghar-raba' imputazzjoni u s-sebgha imputazzjoni hija alternativa ghas-sitt imputazzjoni.

Rat li matul l-istess ezami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih.

Il-Qorti wissietu bi kliem semplici u li jinftiehem kif ukoll bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni huwa kien ser jigi misjub hati u l-Qorti tghaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Ligi li tista' tkun wahda ta' prigunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi.

Il-Qorti ghaddiet biex temporanjament issospendiet is-seduta u akkordat hin lill-imputat sabiex ikun jista' jirrifletti fuq din it-twissija moghtija lilu mill-Qorti, inkluz billi, jekk irid, jikkonsulta mal-Avukat Difensur. Wara li taghtu zmien bizzejjed sabiex jiddeciedi jekk hux ser jerga' lura mil-ammissjoni registrata minnu, fil-prezenza tal-konsulent legali tieghu u wara li kkonferixxa mieghu, l-imputat wiegeb li huwa inkondizzjonatament hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, rat li tista' tgħaddi biex tgħati s-sentenza minnufih.

Fid-dawl tal-ammissjoni nkondizzjonata tal-imputat din il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ghajr hlief li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih skont kif intqal aktar 'il fuq;

Rat illi l-fedina penali ta' l-imputat ma gietx ipprezentata fl-intier taghha u li l-prosekuzzjoni ghad jonqos li tipprezentaha kollha.

Rat li d-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni milli tipprezenta kopja legali tas-sentenzi definittivi u dan rigward l-akkuza tar-recidiva, madankollu insistiet li l-prosekuzzjoni tipprezenta il-fedina penali aggornata sad-data tas-sentenza id-19 ta' Awissu, 2020.

Fliet id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-parti mil-fedina penali tal-imputat ipprezentata u semghet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

**Ikkunsidrat.**

Il-Qorti semghet lill Uffiċjal Prosekutur jispjega illi matul l-interrogazzjoni l-akkuzat ammetta l-akkuzzi migjuba kontrih. L-Ufficcjal Prosekutur ikkonferma wkoll illi l-akkuzat ikkopera mal-Pulizija. Huwa anke rrilaxxa stqarrija. Jghid illi l-imputat huwa ricediv u mhux l-ewwel darba li cappas idejh mal-gustizzja infatti l-fedina penali tiegħu pero hija waħda refrattarja ħafna. Barra minn hekk l-Ufficjal Prosekutur informa lill-Qorti li l-imputat kellu l-vizzju tad-droga u s-serq kien rizultat ta dan il-vizzju.

Id-difiza ta' Xuereb immexxija mill-Avukat Dottor Jean Paul Grech sahqet li f'dan il-kaz il-Qorti kienet mistiedna tikkonsidra taghti lill-akkuzat piena sospiza u fl-eventwalita li l-Qorti tiddeciedi illi piena karcerarja hija aktar idónea allura l-Awtorita tal-Habs kellha tigi ordnata li ssegwi lill-akkuzat fi programm halli jehles mil-vizzju tad-droga. Barra minn hekk id-difiza sahqet illi f'wahda mis-serq ta' fuel ir-reat ta serq ma giex konkluz billi l-akkuzat halla il-landi kontenenti il-fuel ma l-art.

Il-prosekuzzjoni da pari taghha argumentat illi is-serq ta fuel kien sehh billi l-akkuzat kien battal il-fuel mil-vettura u kien poggieh fil-landi lest biex igorru minn fuq il-post tar-reat. Il-Prosekuzzjoni argumenat li fuel ma ttehidtx mill-akkuzat ghax dan beza. Minn naha l-ohra d-difiza rribattiet dan l-argument fis-sens li gia la darba il-laned tal-fuel thallew ma l-art u ma ttiehdux minn fuq il-post tar-reat allura dan jammonta ghal attentat ta serq taht l-Artikolu 41(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat.**

Il-Qorti tinnota li l-imputat huwa pluri-reċidiv b'mod mill-aktar qawwi. Qari tal-fedina penali tiegħu turi li b'xorti ħażina, huwa għandu għadd ta' sentenzi ta' priġunerija kontra tiegħu. Dan il-fatt jagħmilha mhux possibbli li tittratta miegħu b'pieni alternattivi għall-dawk tal-ħabs effettiv.

**Decide.**

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikoli 41, 49, 50, 289, 261, 262,263, 267, 269, 270, 271, 325(c), 334 tal-Kap 9, Art.3 tal-Kap 104, u Art.15(1)(c) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Martin Joseph Xuereb , fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, ħati ta' l-ewwel, ir-raba, is-sitt, it-tmien, id-disa u l-ghaxar imputazzjoni filwaqt li tastjeni milli tieħu kunjizzjoni ulterjuri tat-tieni, it-tielet, il-hames u s-seba' imputazzjonijiet stante li huma alternattiva għall-ewwel, ir-raba u s-sitt imputazzjonijiet.

Kwantu għall-piena, wara li qiset l-ammissjoni tiegħu inkluż għar-reċidiva skont l-Artikoli indikati, il-Qorti tikkundannah għall-piena komplessiva ta` sentejn priġunerija

effettiva filwaqt li tordna li l-ħati jiġi skwalifikat milli jkollu jew jottjeni liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' sitt xhur.

Fid-dawl tal-fatt li l-ħati huwa maħkum mill-vizzju tal-abbuż mid-drogi il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin sabiex matul il-perjodu li fih il-ħati sejjer ikun residenti fl-istess Faċilita' jara li l-istess ħati jingħata l-għajnuna meħtieġa u l-possibilita' sabiex huwa jkun jista jibda' u jispiċċa programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tal-abbuż mid-drogi inkluż billi jiġi riferut għal dik it-taqsima l-aktar adatta sabiex dan l-għan ikun jista' jintlaħaq b'suċċess.

Finalment il-Qorti tordna li ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur